

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

10.3.2008

0019/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Vural Öger, Kader Arif, Marco Cappato, Jelko Kacin

dwar il-proposta għall-ħolqien ta' Unjoni Mediterranja

Data ta' skadenza: 19.6.2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-proposta għall-ħolqien ta' Unjoni Mediterranja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għall-ħolqien ta' "Unjoni Mediterranja", li għandha tinkludi l-istati madwar il-Baħar Mediterranju;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Mediterran huwa reġjun eteroġenu, li jinkludi Stati Membri ta' l-UE, pajjiżi li qed jinnegozzjaw is-sħubija fl-UE, pajjiżi li qed jipparteċipaw fis-Sħubija Ewro-Mediterranea u fil-Politka Ewropea tal-Viċinat;
- B. billi fl-1995, l-UE tat bidu għall-Proċess ta' Barċellona, qafas għal laqgħat regolari li jinkludu relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali bejn l-UE u l-imsieħba tal-Mediterran ta' Isfel;
1. Jemmen li hemm ir-riskju li l-"Unjoni tal-Mediterran" taqsam l-UE jekk is-sħubija fl-Istati Membri ta' l-UE tkun definita bi kriterji ġeografiċi biss; iqis li huwa ta' l-akbar importanza li tali Unjoni tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha ta' l-UE; jemmen li l-proġett kif kien propost fil-bidu mill-President Franċiż Sarkozy, jirrappreżenta aktar strutturi burokratiċi ma' dawk li diġà jeżistu; jenfasizza li l-Istati Membri ta' l-UE għandhom ideat maqsuma dwar dan il-proġett;
 2. Jilqa' d-dibattitu li għaddej dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Mediterran; jemmen li jeħtieġ li jkun hemm riflessjoni fil-fond war dawn ir-relazzjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha ta' l-UE biex jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe inizjattiva marbuta magħha;
 3. Juri li l-Proċess ta' Barċellona attwali diġà jirrappreżenta qafas għal koperazzjoni dwar l-interessi komuni, imma naqas milli jibni komunità Ewro-Mediterranja demokratika; jilqa' l-isforzi magħmula sabiex il-Proċess ta' Barċellona jkun ikkonsolidat, jitnieda mill-ġdid u jerġa' jingħata l-ħajja fil-kuntest ta' Unjoni Mediterranja;
 4. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet u tal-firmatarji, lill-Parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.